

# Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għall-Istudenti Kollha fl-Edukazzjoni Inklużiva

## Rapport Sommarju Finali

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# NGĦOLLU L-LIVELL TA' SUĊĊESS GĦALL-ISTUDENTI KOLLHA FL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

Rapport Sommarju Finali

RAISING THE ACHIEVEMENT OF ALL LEARNERS IN INCLUSIVE EDUCATION

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma. L-Aġenzija hija kofinanzjata mill-ministeri tal-edukazzjoni fil-pajjiżi membri tagħha u mill-Kummissjoni Ewropea, u sostnuta mill-Parlament Ewropew.

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni.

Edituri: Verity J. Donnelly u Anthoula Kefallinou, Impjegati tal-Aġenzija

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2017. *Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għall-Istudenti Kollha fl-Edukazzjoni Inklużiva: Rapport Sommarju Finali*. (V.J. Donnelly u A. Kefallinou, edituri). Odense, id-Danimarka

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli f'25 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

Din hija traduzzjoni ta' test oriġinali bl-Ingliż. Fil-każ ta' dubju dwar l-akkuratezza tal-informazzjoni fit-traduzzjoni, jekk jogħġbok irreferi għat-test oriġinali bl-Ingliż.

ISBN: 978-87-7110-735-7 (Elettroniku)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2017**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

# WERREJ


| | |
|---|---|
| INTRODUZZJONI | 5 |
| SFOND | 6 |
| SEJBIET TAL-PROĠETT | 7 |
| RAKKOMANDAZZJONIJIET | 10 |
| Rakkomandazzjonijiet għall-mexxejja tal-iskola u l-għalliema | 11 |
| Rakkomandazzjonijiet għall-mexxejja tas-sistema u min ifassal il-politika | 12 |
| RIŻULTATI TAL-PROĠETT | 14 |
| REFERENZI | 16 |



# INTRODUZZJONI

Il-kost għoli tal-falliment fl-iskola u l-inekwità għall-individwi – u għas-soċjetà b'mod iktar wiesa' – qed iġi rikonoxxut dejjem iktar madwar l-Ewropa kollha. Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha mhix meqjusa bħala inizjattiva ta' politika, iżda bħala imperattiv etiku.

Wara talbiet mill-pajjiżi membri tagħha, l-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) wettqet il-proġett Ngħollu l-Livell ta' Suċċess għall-Istudenti Kollha fl-Edukazzjoni Inklużiva (RA) (2014–2017). Il-proġett eżamina l-approċċi li jaffettwaw b'mod dirett jew indirett il-motivazzjoni u l-kapaċità għat-tagħlim taż-żgħażagħ. Approċċi bħal dawn probabbilment se jżidu l-parteċipazzjoni u l-ingaġġ, jgħinu jnaqqsu n-numru ta' studenti li jħallu l-iskola kmieni u, fl-aħħar mill-aħħar, jgħollu l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha.

Il-proġett RA involva studenti, għalliema, mexxejja tal-iskola, riċerkaturi u ġenituri/carers, kif ukoll min ifassal il-politika lokali u nazzjonali. Dan fittex jesplora l-istrateġiji pedagoġiċi u l-approċċi ta' tagħlim li l-aħjar isostnu t-tagħlim u huma effettivi biex jgħollu l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha. Dan esplora wkoll il-modi li l-mexxejja tal-iskola jistgħu jużaw biex isostnu:

- l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-inputs u l-proċessi li jgħinu jgħollu l-livell ta' suċċess;
- il-parteċipazzjoni tal-istudenti u tal-ġenituri/carers fil-proċess ta' tagħlim;
- il-'kejl' tal-forom kollha ta' suċċess u analiżi tar-riżultati li jgħinu jinformaw l-iżvilupp ulterjuri.

Dawn il-kwistjonijiet huma kkunsidrati fil-kuntest tal-politika nazzjonali u lokali. Il-proġett eżamina l-mod kif il-politika tista' ssostni b'mod effettiv il-komunitajiet tat-tagħlim sabiex iwettqu żvilupp organizzazzjonali u ssostni l-partijiet interessati kollha biex jaħdmu flimkien sabiex jgħollu l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha.

Il-pajjiżi li ġejjin ħadu parti fil-proġett: l-Awstrija, il-Belġju (il-komunitajiet li jitkellmu l-Fjamming u l-Franċiż), Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, l-Iżlanda, l-Iżvezja, l-Iżvizzera, il-Kroazja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Renju Unit (l-Ingilterra, l-Irlanda ta' Fuq, l-Iskozja u Wales), ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u l-Ungerija.

Tliet komunitajiet tat-tagħlim ipprovdew il-fokus għall-attivitajiet prattiċi tal-proġett:

- Istituto Tecnico Agrario Sereni (edukazzjoni sekondarja ogħla) u Istituto Comprensivo Antonio Rosmini (skola primarja u medja), Ruma, l-Italja
- Grupp ta' Skejjel f'Łajski (skola primarja u medja), Komun ta' Wieliszew, il-Polonja
- Komunità ta' Tagħlim ta' Calderglen (Calderglen High School u Sanderson High Special School – skejjel mainstream u speċjali kollokati), East Kilbride, UK (l-Iskozja).

Kull pajjiż membru tal-Aġenzija li qed jipparteċipa nnomina żewġ parteċipanti (riċerkatur u mexxej tal-iskola) biex ikunu involuti fil-proġett. Kull parteċipant kien konness ma' waħda mill-komunitajiet tat-tagħlim u żarha darbtejn matul il-proġett. Kull komunità ta' tagħlim identifikat il-prijoritajiet għall-ħidma u ngħatat sostenn permezz ta' forum tal-proġett onlajn. Analiżi tal-letteratura tat evidenza minn riċerka rilevanti għall-ħidma tal-proġett (jekk jogħġbok irreferi għal: **www.european-agency.org/publications/reviews/raising-the-achievement-of-all-learners-in-inclusive-education-literature**).

Il-komunitajiet ta' tagħlim ikkompletaw awtoreviżjoni tal-proġett fil-bidu tal-fażi tal-ħidma prattika u għal darb'oħra lejn it-tmiem tal-proġett. Iktar dettalji dwar l-awtoreviżjoni huma disponibbli fuq: **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-self-review**.

Evidenza ulterjuri għall-proġett inġabret permezz ta' rapporti dettaljati u eżempji ta' politika u prattika użati biex jitgħolla l-livell ta' suċċess tal-istudenti minn diversi pajjiżi parteċipanti. Ir-rapporti tal-pajjiżi, flimkien mal-qafas kunċettwali tal-proġett, jistgħu jinstabu fuq: **www.european-agency.org/agency-projects/raising-achievement**.

Il-metoloġija tal-proġett hija deskritta bi sħiħ fl-Anness tar-rapport ġenerali tal-proġett *Raising the Achievement of All Learners in Inclusive Education: Lessons from European Policy and Practice [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha fl-edukazzjoni inklużiva: Lezzjonijiet mill-politika u l-prattika Ewropea]* (jekk jogħġbok irreferi għal: **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-project-overview**).

# SFOND

Il-ħidma tal-proġett RA kienet appoġġata mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989) u l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2006). Dawn jipprovdu qafas għal approċċ ibbażat fuq id-drittijiet għall-istudenti kollha. Il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità joffri gwida ulterjuri fil-*General*

*Comment No. 4* [Kumment Ġenerali Nru 4](2016) tiegħu dwar id-dritt għall-edukazzjoni inklużiva (jekk jogħġbok irreferi għal: **www.ohchr.org/EN/HRBodies/CRPD/Pages/GC.aspx)**. Dawn il-Konvenzjonijiet, flimkien mal-Għan 4 ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU – li 'tiġi żgurata edukazzjoni ta' kwalità inklużiva u ekwitabbli u jiġu promossi l-opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd' (NU, 2015) – isostnu d-drittijiet tal-istudenti b'diżabilità. Dawn jiżguraw li studenti bħal dawn ma jiġux marġinalizzati jew esklużi mill-edukazzjoni mainstream (Aġenzija Ewropea, 2015).

Il-proġett RA ma ffokax fuq l-inklużjoni nnifisha, iżda fuq il-kisba ta' riżultati siewja għall-istudenti kollha. L-inklużjoni ssir prinċipju sottostanti li jippermetti l-iskejjel jsiru iktar kapaċi jwieġbu għad-differenzi tal-istudenti individwali. B'dan il-mod, l-iskejjel iżidu l-kapaċità tagħhom li jipprovdu edukazzjoni ta' kwalità għolja li hija ekwitabbli għal kulħadd.

Il-proġett ikkonforma wkoll mal-prinċipji u l-prijoritajiet stabbiliti fil-livell Ewropew. Il-*Konklużjonijiet dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd* jenfasizzaw li: 'l-ugwaljanza u l-ekwità mhumiex l-istess u li s-sistemi tal-edukazzjoni jridu jitbiegħdu mill-mentalità tradizzjonali ta' universalità' (il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2017, p. 4). Il-Kummissjoni Ewropea (2017) issostni li l-iżvilupp tal-kapaċità u r-rwol tal-għalliema u l-mexxejja tal-iskola huwa essenzjali biex jiġu pprovduti viżjoni strateġika ċara u tmexxija li jtejbu l-esperjenzi u r-riżultati tal-istudenti kollha – permezz ta' politiki li huma kemm inklużivi kif ukoll flessibbli.

Il-proġett RA indirizza kwistjonijiet li jaffettwaw l-esperjenzi tal-istudenti minn sfondi differenti, li jiffaċċjaw sfidi differenti fl-edukazzjoni. Dan jipprovdi sinteżi tal-informazzjoni minn sistemi tal-edukazzjoni varjati b'eżempji ta' approċċi informati mill-evidenza li jmexxu 'l quddiem kemm il-politika kif ukoll il-prattika sabiex jippermettu s-suċċess tal-istudenti.

# SEJBIET TAL-PROĠETT

Il-proġett RA ħoloq komunità ta' tagħlim madwar l-Ewropa, li ġġib flimkien perspettivi differenti. Dan ħeġġeġ lill-parteċipanti biex imorru lil hinn mill-provvista ta' informazzjoni u biex minflok jeżaminaw b'mod kritiku l-politika u jaħsbu b'mod kreattiv dwar ir-razzjonal għall-prattika tagħhom stess. L-istudju tal-komunitajiet tat-tagħlim tal-proġett enfasizza l-ħtieġa li jsir l-aħjar użu mir-riżorsi bl-użu ta' kapital intellettwali u soċjali għall-iżvilupp, it-tibdil u t-tkabbir organizzazzjonali.

Kif deskritt hawn fuq, il-proġett inforza l-ħtieġa li jkun hemm ċaqliq mill-approċċi kumpensatorji, lejn approċċi ta' intervent u prevenzjoni iktar proattivi li jżidu l-kapaċità

tal-iskejjel kollha biex jipprovdu sostenn ta' kwalità għolja lill-istudenti kollha. Il-proġett isostni fehma tal-edukazzjoni inklużiva bħala 'mega strateġija' biex jitgħolla l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha (Mitchell, 2014, p. 27) permezz tal-provvista ta' sfidi li jiżviluppaw il-prattika tal-għalliema u t-tmexxija u l-organizzazzjoni tal-iskola.

Il-ħidma tal-komunitajiet ta' tagħlim tal-proġett uriet il-benefiċċji ta':

- miżuri li jindirizzaw is-saħħa u l-benesseri tal-istudenti kollha u jgħinuhom jirrikonoxxu li l-ħiliet u l-kwalitajiet jistgħu jiġu żviluppati permezz ta' sforz iffokat kif xieraq u persistenza;
- opportunitajiet tat-tagħlim flessibbli li jipprovdu kontinwità u progressjoni matul il-fażijiet tal-edukazzjoni u jiżguraw ir-rilevanza tat-tagħlim għall-ħajja u x-xogħol;
- tmexxija kondiviża u żieda fil-kollaborazzjoni fost l-impjegati tal-iskola;
- sħubija mal-ġenituri, il-carers u l-familji, sabiex jitgħollew l-aspirazzjonijiet u l-parteċipazzjoni tal-istudenti;
- l-involviment tal-komunità lokali u tal-impjegaturi biex jiżdiedu r-rilevanza tal-kurrikuli u l-opportunitajiet ta' xogħol.

Il-proġett enfasizza wkoll il-ħtieġa li l-iżvilupp tal-iskejjel jiġi sorveljat permezz ta' 'lenti inklużiva'. Għandu jkun hemm ukoll iffokar fuq l-ekwità tul l-istrutturi u l-proċessi kollha tal-iskola (eż. ir-raggruppament tal-istudenti, l-allokazzjoni tal-impjegati, l-aċċess għall-kurrikulu u attivitajiet usa', l-akkreditazzjoni tat-tagħlim u l-kwalifiki, l-allokazzjoni tar-riżorsi). Il-kisba u s-suċċess tal-istudenti għandhom jiġu analizzati wkoll sabiex jiġu żgurati opportunitajiet ekwitabbli għall-kisba ta' eżiti li huma siewja għas-suċċess fil-futur.

Ix-xogħol tal-proġett RA jqajjem ukoll il-kwistjoni ta' responsabbilà u l-ħtieġa li jiġi solvut il-konflitt bejn ir-riformi bbażati fuq is-suq u l-ekwità, b'metodi ta' kejl tas-suċċess li jmorru lil hinn mit-testijiet formali. Kejl bħal dan jinkludi s-suċċess personali, soċjali u usa', kif ukoll is-suċċess akkademiku. Meta l-istudenti kienu kkonsultati fil-konferenza finali tal-proġett RA, il-fehmiet tagħhom dwar is-suċċess varjaw ħafna. Dan isaħħaħ il-ħtieġa li jkun hemm ċaqliq 'il bogħod minn metodi ta' kejl tas-suċċess li huma dojoq u standardizzati, lejn metodi iktar personalizzati għall-valutazzjoni ta' riżultati tat-tagħlim usa' u iktar awtentiċi.

L-istħarriġ tal-proġett RA wera li l-iffokar fuq sostenn kontinwu għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskola jista' jżid l-abilità tal-iskejjel li jgħollu l-livell ta' suċċess tal-istudenti kollha. Il-ħidma prattika tal-proġett uriet ukoll modi kif jinbnew l-għarfien u l-kompetenza professjonali tal-għalliema biex jintlaħqu l-ħtiġijiet differenti tal-istudenti. Dan se jippermetti lill-għalliema jiżviluppaw modi iktar innovattivi biex jorganizzaw it-tagħlim għal

kulħadd. Għarfien bħal dan jista' jiġi introdott permezz ta' netwerking kemm fil-komunità ta' tagħlim kif ukoll lil hinn (eż. ma' universitajiet lokali, skejjel/kulleġġi oħra u speċjalisti lokali) sabiex tiżdied il-kapaċità għal prattika informata mill-evidenza fl-iskola.

Fl-istħarriġ tal-RA, huma biss ftit pajjiżi li rrapportaw l-użu sistematiku tal-istħarriġ tal-partijiet interessati għal skopijiet ta' assigurazzjoni tal-kwalità, anke jekk dawn jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-proċess ta' titjib fl-iskola. Matul il-proġett, il-mexxejja tal-iskola u l-għalliema kienu mħeġġa jaħdmu flimkien ma' oħrajn fuq proċess ta' awtoreviżjoni ċikliku (għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok irreferi għal: **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-self-review**). Dan il-proġett saħħaħ l-idea li l-monitoraġġ tal-kwalità tal-edukazzjoni huwa essenzjali għat-titjib fl-iskola. Dan iwassal għal fehim iktar fil-fond tal-istrutturi u l-proċessi u l-impatt tagħhom fuq ir-riżultati għall-istudenti kollha.

Fl-aħħar, is-sejbiet tal-proġett enfasizzaw id-dispożizzjonijiet li jmorru lil hinn mill-opportunitajiet indaqs biex jiġu żgurati l-inklużjoni u l-progress lejn l-ekwità. Karatteristika komuni ta' dawn id-dispożizzjonijiet hija li l-partijiet interessati kollha – għalliema, studenti, mexxejja – jiżviluppaw 'mentalità ta' tkabbir', li tara l-isforz u l-persistenza bħala parti neċessarja tas-suċċess.



# RAKKOMANDAZZJONIJIET

Il-ħidma tal-proġett RA wriet li sabiex jinkisbu kemm l-eċċellenza kif ukoll l-ekwità f'sistemi ta' edukazzjoni ta' kwalità għolja, irid ikun hemm stabbiliti miżuri speċifiċi. Dawn jinkludu:

- il-provvista ta' riżorsi lill-iskejjel u sistemi li jippermettuhom jintervjenu malajr kemm jista' jkun biex jgħinu studenti li ma jiksbux riżultati tajbin u li jirriskjaw li jitilqu kmieni mill-iskola;
- l-offerta ta' approċċi innovattivi u mogħdijiet personalizzati lil studenti differenti;
- is-sostenn ta' tmexxija strateġika b'saħħitha li tpoġġi importanza kbira fuq l-ekwità u riżultati mtejba għall-istudenti kollha.

Il-miżuri msemmija hawn fuq jindikaw il-ħtieġa għal ħarsa ġenerali komprensiva lejn is-sistema sħiħa biex tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-livelli tas-sistema u l-oqsma ta' politika differenti. Huwa importanti li wieħed jiftakar li r-rakkomandazzjonijiet fil-livell tal-iskola jeħtieġu kuntest ta' politika ta' sostenn fil-livell reġjonali/nazzjonali jekk dawn se jintużaw b'suċċess fil-prattika.

L-attivitajiet tal-proġett RA saħħew l-idea li l-inklużjoni – u li ngħollu l-livell ta' suċċess – fl-iskejjel hija influwenzata minn, pereżempju, l-pedagoġija, is-sostenn għat-tagħlim,



it-tmexxija, il-benesseri u l-parteċipazzjoni tal-istudenti, il-kurrikuli, ix-xogħol kollaborattiv, is-sistemi ta' organizzazzjoni u ta' sostenn tal-iskejjel. Dawn l-oqsma ewlenin kienu esplorati matul il-proġett u pprovdew eżempji tal-mod kif il-politika u l-prattika jistgħu jitmexxew 'il quddiem kemm fil-livelli nazzjonali kif ukoll dawk lokali/tal-iskola. Il-proġett iffoka wkoll fuq il-politika u l-prattika li tiġi żviluppata l-kapaċità kollettiva tal-istakeholders kollha u, iktar importanti, tal-istudenti stess biex dawn imexxu t-titjib fl-iskola.

Ir-rakkomandazzjonijiet tal-proġett t'hawn taħt jiffokaw fuq żewġ gruppi ta' mira ewlenin:

- Il-mexxejja tal-iskola u l-għalliema
- Il-mexxejja tas-sistema (fil-livell lokali/reġjonali jew nazzjonali) u min ifassal il-politika.

Is-sejbiet tal-proġett RA jsaħħu s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ħidma preċedenti tal-Aġenzija, li huma enfasizzati wkoll hawn taħt.

## Rakkomandazzjonijiet għall-mexxejja tal-iskola u l-għalliema

Il-mexxejja tal-iskola jilgħabu rwol ewlieni f'kull riforma edukattiva. Dawn għandhom jagħtu prijorità lill-ekwità u lill-eċċellenza għal kulħadd waqt li jkunu qed jieħdu d-deċiżjonijiet, li jaffettwa r-raggruppament tal-istudenti, l-allokazzjoni tal-impjegati, l-aċċess għall-kurrikulu u l-opportunitajiet ta' akkreditazzjoni u l-allokazzjoni tar-riżorsi. Isegwi li dawn għandhom juru impenn lejn it-tagħlim professjonali kontinwu għall-għalliema kollha u stakeholders oħrajn.

Il-mexxejja tal-iskola u l-għalliema għandhom:

- **Jibnu tim ta' tmexxija sod u jiddistribwixxu l-kompiti fost l-istakeholders sabiex jiżguraw is-sostenibiltà u l-ingaġġ**. Il-kompiti ewlenin jinkludu l-użu effettiv ta' data/informazzjoni interna u esterna biex jiżguraw li l-iżviluppi (fl-istruzzjoni u t-tagħlim, il-kurrikulu, l-assessjar u l-organizzazzjoni tal-iskola) jipprovdu opportunitajiet ekwitabbli għall-istudenti kollha u li l-istakeholders kollha jkunu involuti fir-reviżjoni u l-iżvilupp tal-iskola.

- **Jiżviluppaw etos tal-iskola li jsostni interazzjonijiet b'rispett bejn il-partijiet interessati kollha**. Il-lingwaġġ użat biex wieħed jitkellem dwar l-istudenti għandu jevita l-illejbiljar/kategorizzazzjoni. L-impjegati kollha għandhom jieħdu responsabbiltà għas-suċċess u l-benessri tal-istudenti kollha fi ħdan forom ta' organizzazzjoni flessibbli. Id-djalogu għandu jiffoka fuq l-'ippjanar intenzjonat għas-suċċess tal-istudenti kollha'

(EENET, 2017) sabiex jiġu pprovduti opportunitajiet personalizzati għall-progress. Dan għandu jinkludi wkoll li wieħed jisma' l-vuċi tal-istudenti u, permezz ta' dan, iżid il-parteċipazzjoni u l-ingaġġ ta' dawn.

- **Jiżguraw istruzzjoni u tagħlim informati mill-evidenza**. L-iskejjel għandhom jieħdu sehem b'mod attiv fir-riċerka biex isostnu approċċi innovattivi li jippermettu l-istudenti kollha jagħmlu progress. Għandhom jiġu żviluppati sistemi/sħubiji li jiżguraw aċċess għall-evidenza ta' riċerka kurrenti. Dawn għandhom isostnu wkoll attività ta' riċerka bbażati fuq l-iskola, bil-ħin xieraq allokat għal din il-forma ta' tagħlim u żvilupp professjonali kollaborattiv.

L-attivitajiet tal-proġett RA komplew saħħew ir-rakkomandazzjonijiet mill-proġetti tal-passat tal-Aġenzija li jħeġġu l-mexxejja tal-iskola u l-għalliema biex:

- **Jipprovdu kurrikulu flessibbli biex jiżguraw ir-rilevanza tiegħu għall-istudenti kollha**. Dan għandu jmur lil hinn mill-kontenut akkademiku biex jinkludi ħiliet usa' fit-tħejjija għall-ħajja, ix-xogħol u l-iżvilupp personali (eż ħiliet personali/soċjali, l-arti, l-isports, eċċ). L-iskejjel għandhom joħolqu opportunitajiet ta' għażla għall-istudenti biex iżidu l-ingaġġ tagħhom u għandhom jikkunsidraw opportunitajiet ġodda ta' edukazzjoni addizzjonali, taħriġ u impjieg sabiex ikunu jistgħu jħejju liż-żgħażagħ kollha biex jiċċaqalqu lejn destinazzjonijiet pożittivi u sostenibbli.

- **Jiżviluppaw 'litteriżmu ta' assessjar' fost l-għalliema u stakeholders oħrajn** biex jippermettuhom:
  - jużaw l-informazzjoni tal-assessjar mal-istudenti biex isostnu tagħlim addizzjonali;
  - jaħmdu mal-kollegi biex jaqsmu l-fehim tagħhom tal-istandards u l-ġudizzji dwar il-progress tal-istudenti sabiex iżommu aspettazzjonijiet għoljin għal kulħadd.

- **Jibnu strutturi/proċessi li jsostnu l-kollaborazzjoni mal-familji u s-servizzi speċjalizzati** (eż professjonisti mis-servizzi tas-saħħa, is-servizzi soċjali, eċċ) biex itejbu s-sostenn għall-istudenti kollha, b'mod partikolari dawk b'diżabilità u ħtiġijiet ta' sostenn iktar kumplessi. L-għarfien speċjalizzat għandu jiġi kondiviż għall-bini tal-kapaċità/abilità fost il-partijiet interessati kollha fil-komunità ta' tagħlim u sabiex jiġu evitati l-istigmatizzazzjoni/segregazzjoni tal-istudenti.

## Rakkomandazzjonijiet għall-mexxejja tas-sistema u min ifassal il-politika

Skont riċerka riċenti u l-evidenza tal-proġett, il-mexxejja tas-sistema u min ifassal il-politika għandhom isostnu approċċi kollaborattivi fi u bejn l-iskejjel. Dawn għandhom jiżguraw

ukoll li l-mexxejja tal-iskola jkunu jistgħu jaħdmu b'mod strateġiku biex jibnu l-kapaċità fl-impjegati kollha. Il-ħatra u l-allokazzjoni tal-impjegati fl-iskejjel/komunitajiet tat-tagħlim għandhom jibqgħu stabbli maż-żmien sabiex isostnu relazzjonijiet effettivi u jiżguraw riżultati iktar ekwitabbli u livell ta' suċċess ogħla għall-istudenti kollha.

Il-mexxejja tas-sistema u min ifassal il-politika għandhom:

- **Jiżviluppaw modi kif jiġbru u jikkondividu informazzjoni dwar 'dak li jaħdem'** biex jiżguraw li l-evidenza tkun punt tal-bidu fil-formulazzjoni tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-politika. L-iskejjel/komunitajiet tat-tagħlim għandhom jikkollaboraw biex jiżviluppaw prattika informata mill-evidenza, l-iżvilupp tat-tmexxija u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema.

L-attivitajiet tal-proġett RA, b'konformità mal-proġetti tal-passat tal-Aġenzija, iħeġġu wkoll lill-mexxejja tas-sistema u min ifassal il-politika biex:

- **Jiffaċilitaw id-djalogu nazzjonali biex jiġi żviluppat fehim kondiviż tal-edukazzjoni inklużiva.** L-edukazzjoni inklużiva għandha titqies bħala prinċipju li jsejjes il-progress u s-suċċess tal-istudenti kollha f'sistema li tiżgura opportunitajiet ta' tagħlim għal kulħadd, minflok tiffoka fuq kwistjonijiet ta' kollokament jew approċċi kumpensatorji.

- **Iżidu l-kollaborazzjoni bejn il-ministeri/dipartimenti nazzjonali li għandhom rwol prinċipali fl-edukazzjoni u s-sostenn għall-istudenti u l-familji tagħhom**. Kollaborazzjoni bħal din għandha tiffaċilita l-politika għal ħidma konġunta bejn is-servizzi fil-livell lokali biex jiġi żgurat xogħol f'tim effettiv madwar l-istudenti/familji li għandhom livelli għoljin ta' ħtieġa f'kull komunità. Il-politika nazzjonali għandha ssostni wkoll il-komunitajiet tat-tagħlim fl-isforz tagħhom biex jaħdmu iktar mill-qrib mal-ġenituri/familji, u tirrikonoxxi li dan huwa fattur prinċipali fis-suċċess tal-istudenti.

- **Jiżguraw ċarezza rigward il-funzjonijiet tal-assessjar formattiv u summattiv u jaħdmu għal sistema ta' assessjar integrata li hija idonea għall-iskop u tinkludi l-istudenti kollha**. Għandhom jiġu żviluppati sistemi ta' assessjar u akkreditazzjoni li jirrikonoxxu t-tagħlim u suċċess usa', kif ukoll is-suċċess akkademiku, u jiżguraw li "mogħdijiet" differenti jiġu vvalutati bl-istess mod. Dawn jinkludu opportunitajiet xierqa għall-istudenti li jesperjenzaw ostakli għat-tagħlim iktar kumplessi (bħal diżabilitajiet konjittivi).

- **Jiżguraw li l-politika għall-edukazzjoni inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu tiffoka fuq l-edukazzjoni inklużiva, l-ekwità u d-diversità**. L-edukazzjoni

inizjali tal-għalliema u l-iżvilupp professjonali kontinwu għandhom jiżviluppaw l-attitudnijiet, il-valuri u l-kompetenzi tal-għalliema u jippermettuhom jużaw l-evidenza u jirriflettu dwar u jevalwaw b'mod effettiv ix-xogħol tagħhom biex jiżguraw it-titjib li jiffoka fuq riżultati pożittivi għall-istudenti kollha.

- **Iwettqu reviżjoni tal-mekkaniżmi ta' responsabbiltà u assigurazzjoni tal-kwalità biex jiżguraw li dawn ikunu koerenti u jsostnu l-iżvilupp inklużiv**. Strutturi u proċessi bħal dawn għandhom jipprovdu informazzjoni dwar l-aċċess u l-ekwità fir-rigward tal-inputs, il-proċessi u r-riżultati b'modi li ma jfixklux il-prattika jew jimmarġinalizzaw l-istudenti vulnerabbli. Dawn għandhom jagħtu s-setgħa wkoll lill-iskejjel biex jiffokaw fuq il-progress u s-suċċess tal-istudenti kollha, u mhux biss fuq dak li jistgħu jkejlu faċilment.

Fl-aħħar nett, min ifassal il-politika jeħtieġ jinvesti fuq perjodu ta' żmien qasir, li jista' jwassal għal iffrankar ta' flus fuq perjodu twil. Dawn jeħtieġu wkoll jippjanaw skala ta' żmien realistika għal kwalunkwe riforma. Dan għandu implikazzjonijiet għat-teħid ta' deċiżjonijiet fiċ-ċikli politiċi li jistgħu jkunu qosra wisq biex wieħed jara l-impatt ta' kwalunkwe tibdil introdott.

Tibdil bħal dan jeħtieġ jindirizza l-inugwaljanza soċjali u edukattiva b'mod olistiku permezz ta' trasformazzjoni fuq skala ikbar. Interventi fuq skala żgħira ma jistgħux jikkumpensaw għall-inekwitajiet f'sistema li hija bażikament inġusta.

# RIŻULTATI TAL-PROĠETT

Iktar informazzjoni hija disponibbli mill-ispazju tal-web tal-proġett fuq: **www.european-agency.org/agency-projects/raising-achievement**. Din tinkludi l-qafas kunċettwali tal-proġett u rapporti dwar l-approċċi tal-pajjiżi individwali lejn kif jgħollu l-livell ta' suċċess. Il-proġett ipproduċa wkoll ir-riżultati li ġejjin:

- Rapport ġenerali tal-proġett: *Raising the Achievement of All Learners in Inclusive Education: Lessons from European Policy and Practice [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha fl-edukazzjoni inklużiva: Lezzjonijiet mill-politika u l-prattika Ewropea]*. Irreferi għal: **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-project-overview**

- *Raising the Achievement of All Learners: A Resource to Support Self-Review [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha: Riżorsa għall-awtoreviżjoni]*. Irreferi għal: **www.european-agency.org/resources/publications/raising-achievement-all-learners-self-review**





• *Raising the Achievement of all Learners in Inclusive Education – Literature Review [Ngħollu l-livell ta' suċċess għall-istudenti kollha fl-edukazzjoni inklużiva – Reviżjoni tal-letteratura]*. Irreferi għal: **www.european-agency.org/publications/reviews/raising-the-achievement-of-all-learners-in-inclusive-education-literature**

• Guidance for teachers and school leaders [Gwida għall-għalliema u l-mexxejja tal-iskejjel]. Irreferi għal: **www.european-agency.org/agency-projects/raising-achievement.**

# REFERENZI


Enabling Education Network (EENET), 2017. *Quote of the Week [Kwotazzjoni tal-ġimgħa]*. 10 ta' Lulju 2017. **twitter.com/GlobalEENET/status/884318037763141632** (Aċċessata l-aħħar f'Ottubru 2017)

Il-Kummissjoni Ewropea, 2017. *Teachers and school leaders in schools as learning organisations. Guiding Principles for policy development in school education [Għalliema u mexxejja tal-iskola fl-iskejjel bħala organizzazzjonijiet tat-tagħlim. Prinċipji ta' gwida għall-iżvilupp ta' politika fl-edukazzjoni skolastika]*. Rapport mill-Iskejjel tal-Gruppi ta' Ħidma tal-ET 2020 għall-2016-2018. **ec.europa.eu/education/sites/education/files/teachers-school-leaders-wg-0917_en.pdf** (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2017)

Kunsill tal-Unjoni Ewropea, 2017. *Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-Inklużjoni fid-Diversità biex tinkiseb Edukazzjoni ta' Kwalità Għolja għal Kulħadd*. 2017/C 62/02. **eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=uriserv:OJ.C_.2017.062.01.0003.01.MLT** (Aċċessat l-aħħar f'Ottubru 2017)

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2015. *Il-pożizzjoni tal-Aġenzija dwar sistemi ta' edukazzjoni inklużiva*. Odense, id-Danimarka. **www.european-agency.org/publications/brochures-and-flyers/agency-position-on-inclusive-education-systems-flyer** (Aċċessat l-aħħar f'Awwissu 2017)

Mitchell, D., 2014. *What Really Works in Special and Inclusive Education: Using Evidence-Based Teaching Strategies [Dak li jaħdem verament fl-edukazzjoni speċjali u inklużiva: L-użu ta' strateġiji tat-tagħlim ibbażati fuq l-evidenza]*. Londra: Routledge

Nazzjonijiet Uniti, 1989. *Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal*. New York: Nazzjonijiet Uniti

Nazzjonijiet Uniti, 2006. *Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabiltà*. New York: Nazzjonijiet Uniti. **www.un.org/development/desa/disabilities/convention-on-the-rights-%20of-persons-with-disabilities/convention-on-the-rights-of-persons-with-disabilities-2.html** (Aċċessata l-aħħar f'Settembru 2017)

Nazzjonijiet Uniti, 2015. *Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. Għan 4: Edukazzjoni ta' Kwalità*. **www.undp.org/content/undp/en/home/sustainable-development-goals/goal-4-quality-education.html** (Aċċessat l-aħħar f'Settembru 2017)



Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

www.european-agency.org

MT